MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Numru. 475/2002

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Kaptan Anthony Attard, iben William, imwieled Ħamrun fit-13 ta' mejju, 1943

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fil-11 ta' marzu, 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data, fil-Ħamrun u fi bnadi oħra bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ tas-Surgent John Ivan Borg, weġġgħu u inġurjah gravement, b'kitba, bi kliem, b'disinni jew b'kull mod ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-19 ta' lulju, 2002 fejn ta

l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' jannar, 2003 fejn ikkonstatat id-dikjarazzjoni li għamel l-imputat favur il-parte ċivile li min-naħa tagħha a bażi ta' din id-dikjarazzjoni irtirat il-kwerela.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat id-dikjarazzjoni tal-imputat u tal-parte ċivile tiddikjara l-proċediment eżawrit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------